

Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' 18 ta' Ġunju 2010 — Il-Lussemburgo vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-549/08) ⁽¹⁾

(“FSE — Sospensjoni ta' ghajjnuna finanzjarja — Ġliedha kontra d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi relatati mas-suq tax-xogħol — Nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' amministrazzjoni jew ta' kontroll li jistgħu jwasslu għal irregolaritajiet sistematiċi — Artikolu 39(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 — Aspettattivi leggħetti”)

(2010/C 209/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo (rappreżentanti: M. Fisch., aġġent, assistit minn P. Kinsch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Steibltyé u B. Conte, aġġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni C(2008) 5383 tal-Kummissjoni, tal-24 ta' Settembru 2008, dwar is-sospensjoni ta' ħlasijiet provviżorji tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) lid-dokument uniku ta' pprogrammar għall-ghajjnuna strutturali Komunitarja li taqa' taħt l-objettiv Nru 3 fil-Lussemburgu, u tad-Deċiżjoni C(2008) 5730 tal-Kummissjoni, tas-6 ta' Ottubru 2008, dwar is-sospensjoni ta' ħlasijiet provviżorji tal-programm ta' inizjattiva Komunitarja tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi relatati mas-suq tax-xogħol (EQUAL) fil-Lussemburgu.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 44, 21.02.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' 22 ta' Ġunju 2010 — CM Capital Markets vs UASI — Carbon Capital Markets (CARBON CAPITAL MARKETS)

(Kawża T-563/08) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva CARBON CAPITAL MARKETS — Trade marks Komunitarji u nazzjonali figurattivi preċedenti CM Capital Markets — Raġuni relativa għal riffut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' xebħ bejn is-sinjal — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”)

(2010/C 209/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: CM Capital Markets Holding, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: T. Villate Consonni u J. Calderón Chavero, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: J. F. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Carbon Capital Markets Ltd (Oxford, ir-Renju Unit) (rappreżentant: E. Hardcastle, solicitor)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Settembru 2008 (Każ R 15/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn CM Capital Markets Holding, SA u Carbon Capital Markets Ltd.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) CM Capital Markets Holding, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 44, 21.02.2009.